

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-11 ta' Lulju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Panevėžio apygardos teismas — Ir-Repubblika ta' Litwanja) — Proċeduri kriminali kontra Edgar Babanov**

(Kawża C-207/08) <sup>(1)</sup>

*(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Agrikoltura — Moviment liberu ta' merkanzija — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ttiprobixxi l-kultivazzjoni ta' kull tip ta' qanneb)*

(2008/C 285/24)

Lingwa tal-proċedura: Il-Litwan

### Qorti tar-rinvju

Panevėžio apygardos teismas

### Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

Edgar Babanov

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Panevėžio Apygardos Teismas — Kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ttiprovdi għal responsabbiltà kriminali għall-kultivazzjoni ta' kull tip ta' qanneb — Il-possibbiltà għal qorti li tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali meta l-kontenut ta' sustanzi attivi tal-qanneb ma jaqbiżx ċertu limitu.

### Dispożittiv

- 1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li jtiprobixxi leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha bħala effett li ttiprobixxi l-kultivazzjoni u ż-żamma ta' qanneb destinat għall-produzzjoni tal-fibri skond l-imsemmi regolament.
- 2) Id-dritt Komunitarju jipprobixxi li qorti ta' Stat Membru tapplika leġiżlazzjoni nazzjonali li, bi ksur tar-Regolament Nru 1782/2003, għandha bħala effett li ttiprobixxi ż-żamma ta' qanneb destinat għall-produzzjoni tal-fibri skond l-imsemmi regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU C 209, 15.8.2008.

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2008 minn Athanasios Pitsiorlas mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) mogħtija fis-27 ta' Novembru 2008 fil-Kawżi Magħquda T-3/00 u T-337/04, Athanasios Pitsiorlas vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew**

(Kawża C-84/08 P)

(2008/C 285/25)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

### Partijiet

Appellant: Athanasios Pitsiorlas (rappreżentant: D. Papafilippou, dikigoros)

Appellati: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew

**Permezz ta' digriet tat-3 ta' Lulju 2008, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) ħadhet l-appell u kkundannat lil Athanasios Pitsiorlas għall-ispejjeż.**

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika ta' Franza**

(Kawża C-327/08)

(2008/C 285/26)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u D. Kukovec, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika ta' Franza